


**Disinn tal-Perspettiva, xogħol Ġużeppi Galea**
**(Arkivji Parrokkjali)**



# 1959 – 2009 l-Ewwel Ħamsin Sena minn mindu ġie mżejjen il-Kor tal-Knisja Parrokkjali Matriċi ta' Ħal Kirkop: Kappillan Dun Pawlu Pace

**Horatio Caesar Roger Vella**[1]

Kull meta nidħlu fil-Knisja Parrokkjali tagħna ddedikata lil San Leonardu Abbati, li din is-sena qegħdin niċċelebraw l-elf erba' mija u ħamsin sena minn mindu miet, ħarsitna bla ma trid tilmaħ l-apside mill-isbaħ li jdawwar il-Kor ta' wara l-Altar Maġġur. Hemmhekk, fuq nett, insibu l-arma ta' Ħal Kirkop, dik li hi forma ta' **T** bl-aħmar fuq sfond abjad, u l-annu **1959**.

Dan l-annu jeħodna lura għaż-żmien meta Kappillan ta' Ħal Kirkop kien Dun Pawlu Pace, li beda l-parrokat tiegħu fl-1957, wara Dun Alwiġ Deguara, u temmu fl-1960, qabel Dun Ġużepp Theuma,[2] u huwa sew li ngħidu xi ħaġa fuq dan il-Kappillan.

## Mons. Pawlu Pace

Mons. Pawlu Pace twieled f'Ħal Qormi fid-dar numru 6, Triq San Pawl, fit-18 ta' Settembru, 1931, fl-10.00a.m.. Huwa tgħammed mill-Viċi Dun Ġużepp Buhagiar fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorg Martri, meta Arċipriet kien Dun Vinċenz Azzopardi, fil-21 ta' Settembru, 1931, u ngħata l-ismijiet ta' Pawlu, Spiridjun u Wiġi. Il-parrinijiet tiegħu kienu Mikiel Sciberras, bin Spiridjun, u martu Karmela, minn Ħal Qormi.[3]

Missier Mons. Pawlu Pace kien Mikiel, bin Ġorġ u Elena Mercieca, li żżewweġ lil Antonja Xiberras, bint Ġorġ u Marjanna Pullicino, fit-13 t'Ottubru, 1917, fl-istess Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi. Bierek dan iż-żwieġ Dun Ġwanni Marija Cassar, il-Viċi Kurat. Ix-xhieda kienu Franġisku Zammit, bin Franġisku, u Ġużeppi Fenech, bin Ġorġ.[4]

Hut Mons. Pawlu Pace twieldu u tgħammdu kollha fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi kif ġej:

1. Ġorg, li twieled fis-17 ta' Ottubru, 1918, u tgħammed l-għada: il-parrini tiegħu kienu Ġorġ Sciberras, bin Ġużeppi, probabbilment il-nannu matern tiegħu, u Antonja

Galdes, mart Mikiel, it-tnejn minn Ħal Qormi; dan Ġorġ iżżewweġ lil Marija Galdes fil-Knisja Parrokkjali ta' San Bastjan, f'Ħal Qormi, fis-16 ta' Settembru, 1945;

2. Emanuel, li twieled fid-19 ta' Diċembru, 1919, u tgħammed fil-21: il-parrini tiegħu kienu Filippu Agius, bin Ġwanni, u martu Marija, minn Ħal Qormi; dan Emanuel iżżewweġ lil Salvina Fava fiż-Żurrieq fil-31 ta' Diċembru, 1971;
3. Ġużeppi, li twieled fit-22 ta' Marzu, 1921, u tgħammed fis-26: il-parrini tiegħu kienu Ġorġ Portelli, bin Nazju, u martu Marija, minn Ħal Qormi; dan Ġużeppi miet żgħir;
4. Marjanna, li twieldet fl-24 ta' Marzu, 1922, u tgħammdet l-għada: il-parrini kienu Ġwanni Marija Frendo, bin Mikiel, u martu Mikelina, minn Ħal Qormi; sa hawnhekk il-familja Pace kienet toqgħod f'numru 24, Triq San Franġisku, f'Ħal Qormi;
5. Karmelu, li twieled fit-30 ta' Ġunju, 1924, u tgħammed fit-2 ta' Lulju: il-parrini kienu Ġwanni Marija Frendo, bin Mikiel, u Pawla Azzopardi, bint Franġisku, minn Ħal Qormi; dan Karmelu żżewweġ lil Marija Spiteri f'Ħal Għargħur fid-19 ta' Frar, 1968; minn Karmelu l-familja Pace marret toqgħod f'numru 6, Triq San Pawl, f'Ħal Qormi;
6. Antonju, li twieled fit-2 ta' April, 1927, u tgħammed fl-4 ta' April: il-parrini kienu Franġisku Cini, bin Ġorġ, u martu Marija, minn Ħal Qormi;
7. Ġużeppi ieħor, li twieled fil-11 ta' Frar, 1929, u tgħammed fis-17 ta' Frar: il-parrini kienu Edgardu Portelli u martu Marija, mill-Marsa;
8. u Ġwanni, li twieled fil-11 ta' Marzu, 1934, u tgħammed fil-15 ta' Marzu: il-parrini kienu Franġisku Cini, bin Ġorġ, u martu Marija, minn Ħal Qormi; dan Ġwanni żżewweġ lil Salvina Farrugia f'Toronto fl-20 ta' Settembru, 1958.[5]

Mons. Pawlu Pace rċieva l-Griżma tal-Isqof minn idejn Mons. Mikiel Gonzi, dak iż-żmien Isqof ta' Għawdex, fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ Martri, fl-10 ta' Ġunju, 1939, meta kellu tmien snin: il-parrinu tiegħu kien ħuh, Ġorġ Pace, bin Mikiel, minn Ħal Qormi.[6] Fid-9 ta' April, 1955, Pawlu Pace ordna Suddjaknu, fid-19 ta' Diċembru tal-istess sena ordna Djaknu, u fis-17 ta' Marzu, 1956, ordna Saċerdot.[7]

Eżatt wara li spiċċa minn Kappillan ta' Ħal Kirkop, Dun Pawl laħaq Arċipriet taż-Żurrieq fl-1960, u spiċċa minn Arċipriet fl-1980. Fi żmienu fiż-Żurrieq, bejn l-1968 u l-1969, saru l-pitturi tat-tnax-il Appostlu u tat-tnax-il Verġni Martri minn Rafel Bonnici Calì; fl.1970, dejjem fiż-Żurrieq, saru l-istatwi tat-tminn Beatitudnijiet madwar il-koppla fuq ġewwa minn Fredu Camilleri Cauchi u l-erba' pitturi tal-Għerf, Saħħa, Verġinità u Martirju minn Rafel Bonnici Calì; bejn l-1974 u l-1978, saru l-pitturi fil-koppletti minn Pawlu Camilleri Cauchi; fl-1977, sar ukoll ir-restawr tal-Pittura tal-Missier Etern li hemm fis-sagristija mill-Kanonku Mikielanġ Apap. Din il-pittura turi l-influenza ta' Stiefnu Erardi.[8]



**Mons. Pawl Pace hekk kif impitter minn Pawlu Camilleri Cauchi fi kwadru li jinsab fis-sagristija tal-Knisja Parrokjali taż-Żurrieq.**

Fil-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq jinsabu tliet iskrizzjonijiet li jfakkru ismu u ħidmietu. L-ewwel waħda tinsab fis-sagristija, mas-saqaf, fejn hemm

l-ismijiet u l-armi tal-kappillani u l-arċiprieti tal-parroċċa; it-tieni tinsab ukoll fis-sagristija, mal-ħajt tal-lemin, int u tħares lejn il-bieb ta' barra; u t-tielet fl-Oratorju, mal-art, quddiem il-bieb ċentrali. Ser nagħti dawn l-iskrizzjonijiet bil-Latin kif inkitbu, u bit-traduzzjoni li għamilt jien għalihom,[9] kif ġej.

1.

(Sagristija, Saqaf,
*int u tħares lejn il-bieb ta' barra fuq ix-xellug,*
*ir-ringiela tan-nofs, l-ewwel mix-xellug)*

ADM[ODVM] REV[EREN]DVS DOMINVS
PAVLVS PACE, B.A., S.TH.L.,
ELECTVS PRIDIE KALENDAS IVLIAS, MCMLX.[10]

Il-Wisq Reverendu Sinjur
Pawlu Pace, B.A., S.Th.L.,
maħtur fit-30 ta' Ġunju, 1960.

2.

*(Sagristija, int u tħares lejn il-bieb ta' barra*
*mal-ħajt tal-lemin, il-ħames mix-xellug)*

MEMORIA
ILL[VSTRISSI]MI AC REV[ERENDISSI]MI D[OMI]NI PAVLI PACE
QVI
HANC SANCTAM ARCHIPRESBYTERALEM ECCLESIAM
ANNO MCMLX[11] VSQVE AD MCMLXXX[12] GVBERNAVIT;
ET DVM CVRAE ANIMARVM MVNVS PRAECLARE PERFVNGITVR,
HOC[13] DIVAE CATHARINAE TEMPLVM
MAGNIS OPERIBVS EXORNAVIT
DONEC PRIMARII MELITENSIS AEDIS CANONICVS CREATVS EST,
QVOAD NONIS APRILIBVS MCMXCII[14] OBDORMIVIT IN DOMINO.
ZVRRICANVS CLERVS ET POPVLVS MONVMENTVM HOC P[OSVERE].

B'tifkira tal-Wisq Illustri u Reverendu Sinjur Pawlu Pace
li
mexxa din il-Knisja Arċipretali qaddisa
mis-sena 1960 sal-1980;
u waqt li temm bis-sħiħ u tajjeb ħafna
x-xogħol tal-kura tal-erwieħ,
żejjen dan it-Tempju ta' Santa Katerina
b'opri kbar

sakemm ġie maħtur Kanonku tal-Maqdes Ewlieni ta' Malta
sakemm raqad fi ħdan il-Mulej fil-5 t'April, 1992.
Il-Kleru u l-Poplu Żurrieqi waqqaf dan il-mafkar.

3.

*(Oratorju, kif tidħol mill-bieb Ċentrali, mal-art)*

PAVIMENTVM HOC MARMOREVM
IN SACELLO QVOD, VT PVERI PVELLAEQVE
CHRISTIANAE RELIGIONIS ELEMENTA DOCERENTVR,
PATRVS STEPHANVS ZAMMIT, PAROCHVS, EXSTRVXERAT,
IOSEPH[15] ZAMMIT FALZON, SACERDOS,
COGNATIQVE MVNIFICENTISSIMI,
PAVLO PACE, B.A. ET S.TH.L., ARCHIPRESBYTERO,
A[NNO] D[OMINI] MCMLXIII
FECERVNT.

Ġużeppi Zammit Falzon, Qassis,
u l-qraba tiegħu mill-aktar ġenerużi,
waqt li Arċipriet kien Pawlu Pace, B.A., S.Th.L.,
għamlu,
fis-sena tal-Mulej 1963,
dan il-paviment tal-irħam
fil-kappella li
Dun Stiefnu Zammit, Kappillan, kien bena
sabiex it-tfal subien u bniet
jiġu mgħallma l-elementi tar-Reliġjon Nisranija.

Wara li temm għoxrin sena servizz lill-Komunità taż-Żurrieq, li matulha jiena personalment kont narah jattendi kors fil-Liġi fl-Università ta' Malta meta jiena kont għadni student, Dun Pawlu Pace ġie mlaħħaq Monsinjur tal-Katidral tal-Imdina u mar joqgħod fir-Rabat. Tnax-il sena wara, Mons. Pawlu Pace miet f'dik id-dar fil-5 t'April, 1992, fl-4.15p.m., fl-età ta' 60 sena. Il-funeral tiegħu sar l-għada fiż-Żurrieq, u ġie midfun fiċ-Ċimiterju tal-Qawmien mill-Mewt, f'Ħal Qormi.[16]

## Il-Kor tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop

Fil-perjodu qasir ta' erba' snin li għamel f'Ħal Kirkop, Dun Pawl wettaq l-opra ta' tiżjin fil-Kor ta' wara l-Altar Maġġur. Din tikkonsisti f'arkata b'diversi bassi-riljievi, li fihom jispikkaw tnejn miżbugħin fl-abjad, waħda fuq kull naħa, jirrakkontaw ġrajjiet mill-ħajja ta' San Leonardu.



**Il-kor imżejjen b'numru ta' virtwijiet f'arkata li f'nofsha ġġib l-arma ta' Ħal Kirkop u l-annu 1959 li fih sar ix-xogħol.**



**Ritratt meħud minn Joe Agius fl-1954 li fih jidher il-kor qabel ma ġie dekorat fuq disinn ta' Ġużeppi Galea.**

Bassi-riljievi iktar ċkejknin u numerużi mbagħad idawru l-istess arkata, li kull waħda minnhom hija simbolu ta' xi ħaġa. Hekk naraw is-simboli ta' iljun, bieqja tferra' il-ħalib, serp, torri, kalċi bl-Ostja u s-salib, ankra, xabla, id iżżomm ħobża u ġilju. Fuq nett tal-arkata, insibu l-arma ta' Ħal Kirkop bl-annu 1959. It-tifsira ta' dawn is-simboli, fl-opinjoni tiegħi, hija din: l-Ewkaristija, is-simbolu tan-nofs, hija mdawra b'erba' parijiet. Hekk għandna t-torri u l-ankra, simboli ta' protezzjoni, permezz ta' Alla, kemm fuq l-art u kemm fuq il-baħar; is-serp u x-xabla huma simboli ta' San Pawl, Patrun ta' Malta; il-bieqja tferra' il-ħalib u l-id iżżomm il-ħobża huma simbolu tal-karità, waqt li l-iljun u l-ġilju huma simboli ta' San Leonardu u San Ġużepp, it-tnejn meqjuma ħafna f'din il-parroċċa.



**'Il-Miraklu tal-Ilma'- waħda mill-bassi riljevi ta' Ġużeppi Galea.**

L-arma 'l fuq minn dawn is-simboli ma kinitx dik li kien għamel Dun Pawl Pace, imma flokha għamel l-arma tiegħu. Mhuwiex minnu li dik kienet l-ewwel arma li tpoġġiet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop,[17] għaliex fl-istess Kor wieħed josserva l-arma ta' Dun Ġużepp Barbara mal-parti ta' fuq tal-istalel tal-kewba skulturat li l-istess Barbara għamel; l-arma tiegħu ta' ġol-iskrizzjoni tal-irħam li hemm fil-presbiterju,[18] illum mgħotti bl-altar tal-injam, u mill-ġdid l-arma tiegħu mat-terħa meħjuta bid-deheb, li hu rregala lill-Altar tad-Duluri.

Imma din l-arma ta' Dun Pawl ma tantx niżlet tajjeb ma' xi persuni minn Ħal Kirkop. Ftit xhur wara li Dun Pawl temm din l-opra, kif rajna fuq, Dun Pawl laħaq Arċipriet tal-Parroċċa ta' Santa Katerina fiż-Żurrieq, u floku laħaq Kappillan ta' Ħal Kirkop Dun Ġużepp Theuma, li dam Kappillan bejn l-1960 u l-1967. Jidher, mela, li, fix-xhur bikrin tal-1960, kif kien irrakkontali l-mibki Dun Leonardu Farrugia, minn Ħal




**L-armatal-kunjom tal-kappillan Pace, fis-sagristija taż-Żurrieq.**

Kirkop, xi nies daħlu bil-lejl b'sellun, żebgħu l-arma ta' Dun Pawl bl-abjad, u pittru s-salib ta' Ħal Kirkop bl-aħmar. L-għada wieħed jista' jobsor l-agħa li qam fir-raħal, l-għaġeb tal-Kappillan il-ġdid u n-niket tal-Kappillan il-qadim, li għal xejn bagħat il-pulizija jfittxu lil min kien responsabbli. Fuq kollox, kontra x-xewqa tal-Kurja, li ma riditx li l-arma ta' Dun Pawl titneħħa, l-arma ta' Ħal Kirkop baqgħet hemm sal-lum, ħamsin sena wara![19]



**Ġużeppi Galea, disinn tal-iskultura li jdawru l-'Glorja' u l-kwadri laterali**

Iżda min joqgħod bħali fl-ewwel bank u jħares lejn dik l-arma ta' Ħal Kirkop, fil-parti l-bajda ta' fuq is-salib l-aħmar għandu jilmaħ xi marki ta' taħt iż-żebgħa, marki li juru l-parti ta' fuq tal-arma ta' Dun Pawl. Jekk



**'Il-Glorja ta' San Leonardu'- waħda mill-pitturi tal-kor minn idejn Giuseppe Briffa.**

wieħed iħares sew lejn l-arma ta' Dun Pawl fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq, huwa jilmaħ tajra b'palma f'ħalqha, simbolu tal-paċi (Pace > pax = "paċi"), niżla 'l isfel lejn tliet għoljiet. Huma propju denb u ġewnaħ it-tajra u l-parti ta' fuq tal-palma, tliet trufijiet, li jidhru mill-abjad tal-arma ta' Ħal Kirkop fil-Kor tal-Knisja Parrokkjali tagħna.

F'dan il-Kor, għaxar snin wara, jiġifieri, fl-1969, fi żmien il-Kappillan Dun Anġ Vella, saru l-pitturi ta' Ġużeppi Briffa, li s-sena l-oħra s-Sur Kenneth Cassar irrefera għalihom bħala l-magħmudija, il-mewt u l-glorja ta' San Leonardu.[20] Dik tal-glorja tinsab propju fin-nofs, tħares 'l isfel għal fuq l-art fejn nafu minn dokumenti li jinsabu midfunin xi Kappillani, fosthom Dun Franġisku Azzopardi, li miet waqt l-okkupazzjoni Franċiża f'Malta fis-6 ta' April, 1799.[21] Dawk tal-magħmudija u tal-mewt ta' San Leonardu jinsabu jdawru l-arkata mill-ġnub, waħda fuq kull naħa.

Fin-nofs tal-Kor imbagħad jinsab l-Altar tal-Kor li fih hemm midfun San Benedittu Martri, li il-korp-sant ta' San Benedittu Martri ġie rregalat lill-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop mill-Papa Piju VI, bit-tħabbrik tal-Kjerku Ġużeppi Marija Callus, meta dan kien qed jgħix f'Ruma. Inġab f'Malta fl-1790, spejjeż ta' Dun Mikiel Zammit,[22] u tlibbes b'mod sabiħ minn Dun Salvu La Carte Pajas, minn Cospicua. It-transolazzjoni ta' fdalijiet San Benedittu Martri saret fl-24 ta' Lulju, 1791, mill-Knisja ta' San Nikola, f'Ħal Kirkop, sal-Knisja Parrokkjali.[23]

## Konklużjoni

L-iskop ta' dan l-artikolu huwa li napprezzaw l-avvenimenti li jagħmlu l-Istorja tar-raħal tagħna, in-nies li sawruhom, speċjalment il-Kappillani li ħadmu bis-sħiħ għat-tisbieħ tal-knisja tagħna, f'din l-okkażjoni l-mibki Dun Pawl Pace.


**Referenzi**:

Boissevain, J. (2006), *Hal Kirkop: a village in Malta*, Valletta, Malta, Midsea Books Ltd.

Cassar, K. (2008), *Il-pitturi f'Ħal Kirkop*. F'H.C.R. Vella ed. (2008), *Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru*. Vol. II, Kirkop, Malta, Kunsill Lokali Kirkop, 286-320.

Ferris, A. (1866), *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo*. Malta.

Vella, H.C.R. (1997), *Dun Ġużepp Barbara D.D.: il-Kappillan li ħabb u ħadem għal Ħal Kirkop*. F'*Soċjetà Filarmonika San Ġużepp: Kirkop 1997*. Kirkop, Malta, Leħen is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp, Kirkop A.D. 1886, 37.

Vella, H.C.R. (2000), *Lista tal-Kappillani f'Ħal Kirkop*. F'H.C.R. Vella ed. (2000), *Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru*. Vol. I, Università ta' Malta, Imsida, Malta, 2000, 162.

Vella, H.C.R. (2005), *L-iskrizzjonijiet li jinsabu fil-Knisja Arċipretali ta' Santa Katarina V. M., Żurrieq*, Żurrieq, Parroċċa Żurrieq, 2005.

Vella, H.C.R. (2008a), *Imwiet f'Ħal Kirkop: 1798-1840*. F'H.C.R. Vella ed., *Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru*. Vol. II, Kirkop, Malta, Kunsill Lokali Kirkop, 172-195.

Vella, H.C.R. (2008b), *Individwi ta' interess speċjali msemmija fir-reġistri ta' Ħal Kirkop*. F'H.C.R. Vella ed., *Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru*. Vol. II, Kirkop, Malta, Kunsill Lokali Kirkop, 196-210.

Zarb, S.M.-Buhagiar, M. (1979), *St. Catherine of Alexandria: her churches, paintings and statues in the Maltese islands*, Malta, Soċjetà Mużikali Santa Katerina (Żurrieq) and Kunsill Parrokkjali taż-Żejtun.


[1] Horatio Caesar Roger Vella huwa Professur tal-Latin u tal-Grieg fl-Università ta' Malta.

[2] H.C.R. Vella (2000), 162.

[3] Aġkivjuħ Pġarrokkjaliħ Qġormiħ, Liber *baptizzatorum, sub die baptismi.*

[4] A. P. Q., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

[5] A.P.Q., *Liber baptizzatorum, sub diebus baptismi.*

[6] A.P.Q., *Liber confirmatorum, sub die confirmationis.*

[7] A.P.Q., *Liber baptizzatorum*, *sub die baptismi*.
[8] S.M. Zarb-M. Buhagiar (1979), 130-131.
[9] H.C.R. Vella (2005), 30-31.
[10] DIE 30 JUNII 1960 *Inscr. Mon.*, forma mhux korretta bil-Latin.
[11] MDMCCCCLX *Inscr. Mon.*, forma mhux korretta bil-Latin.
[12] MDMCCCCLXXX *Inscr. Mon.*, forma mhux korretta bil-Latin.
[13] HUNC *Inscr. Mon.*, żball grammatikali bil-Latin, peress li TEMPLVM hija newtru.
[14] APRILIS MDMCCCCXCII *Inscr. Mon.*, forma mhux korretta fil-Latin.
[15] JOSEPHVS *Inscr. Mon.*, forma mhux korretta fil-Latin.
[16] A.P.Imdina, *Liber defunctorum*, *sub die mortis*.
[17] J. Boissevain (2006), 81.
[18] H.C.R. Vella (1997), 37.
[19] Fuq dan l-avveniment are J. Boissevain (2006), 81.
[20] K. Cassar (2008), 304-307.
[21] H.C.R. Vella (2008a), 173.
[22] H.C.R. Vella (2008b), 202-203.
[23] A. Ferris (1866), 432.